

Ħarġa numru 10: Lulju, 2013

# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Il-qasam tal-letteratura huwa dejjem parti ewlenija mill-kultura ta' poplu. Dan japplika wkoll għall-kultura Maltija. Huwa għalhekk importanti li mhux biss il-Maltin ikunu jafu tajjeb il-letteratura Maltija minn xiex inhi magħmula, imma anki l-barranin, mela dawk li ma jifhmux bl-Ilsien Malti. Ħaġa bħal din takkwista iktar piż illum li Malta mhix biss parti mill-Unjoni Ewropea imma hija ċentru storiku u kulturali mfittex minn eluf ta' turisti fis-sena li ma jiġux hawn biss biex jixxemmxu, igawdu l-baħar jew biex jitgħallmu l-Ingliż u jiddevertu f'Paceville. Ta' min niftakru wkoll li fl-2018 il-Belt Valletta se tkun il-Kapitali tal-Kultura Ewropea.

Dan kollu jwassal għal dak li xtaqt nikteb dwaru llum. Fil-letteratura Maltija, imma l-aktar fil-qasam tal-poeżija, hemm ruxxmata kitbiet li jintrabtu ma' mkejjen Maltin differenti, kemm rurali kif ukoll urbani. Jiġuni f'moħħi poeżiji ddedikati lil imkejjen bħal Ħaġar Qim, Gelmus, Għajn Riħana, Delimara, Selmun, Wied Qirda, San Niklaw, il-Wied tal-Lunzjata, lill-istess Belt Valletta u ruxxmata oħrajn.

Jiena nemmen li pajjiż serju għandu jagħti aktar importanza lil dan il-qasam billi jitwaħħlu *notice boards* apposta (jew *billboards,* jew sejħilhom xi trid) f'dawn is-siti li ġew imsemmija u mfaħħra minn kittieba u poeta diversi; *notice boards* li magħhom jitwaħħlu poeżiji miktubin minn poeti Maltin bil-Malti (jew anki b'ilsna oħra), imma mbagħad jiġu maqluba għal ilsna differenti (flimkien ma' tagħrif anki dwar l-awtur tax-xogħol) biex it-turist ikun jista' jgawdi wkoll il-benna tal-letteratura tagħna. Infakkar però lil min jista' jidħol għal xogħol bħal dan biex ma jaqax fin-nassa misħuta u jikkonċentra biss fuq kitbiet ta' poeti stabbiliti u magħrufa proprju għax kellhom jew għad għandhom kuntatti tajbin. Dan qed iseħħ b'mod sfaċċat imma aċċettat f'oqsma oħra fejn tidħol il-letteratura lokali, minkejja li l-istess nies u ħbiebhom (awturi, pubblikaturi, edituri ta' gazzetti, membri editorjali u ta' ġuriji differenti, kritiċi u akkademiċi) qatt ma jammettuha.

Il-letteratura Maltija għandha dejjem tiġi l-ewwel.

Kull min jixtieq jikteb lill-Editur jew jibgħat materjal relevanti - li m'għandux ikun twil ħafna—jista' juża dan il-kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

### ATTIVITÀ MINN POEŻIJAPLUS U THE WRITERS CLUB

Nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju, l-awtur Trevor Żahra u Michael Spagnol, ta' Kelma Kelma, qasmu kelma (jew tnejn) ma.com. F'din l-attività ż-żewġ mistednin kellhom skambju ta' kliem (lagħbu bil-kliem flok bil-ballun).

### RUŻAR BRIFFA – 50 SENA MINN MEWTU

Nhar it-3 ta' Ġunju 2013 ġemgħa sabiħa attendiet għal serata mużiko-letterarja fil-Palazz ta' Sant'Anton imtellgħa mid-Dipartiment tal-Malti, l-Akkademja tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti – Università f'għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Rużar Briffa. Is-serata kommemorattiva, bit-tema *Il-Ħolma tal-Poeta*, saret taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-E.T. Dott. George Abela u ddrammatizzat tliet lejtmotifi ewlenin fi programm multidixxiplinarju li kien jinkludi diskorsi kritiċi, qari, kant u drammatizzazzjoni ta' poeżiji. Waqt is-serata pparteċipaw l-istudjużi Dr Bernard Micallef, Prof. Oliver Friggieri, Dr Adrian Grima u Dr Immanuel Mifsud; l-atturi Renato Dimech, Sean Buhagiar, Alison Abela u Rowena Gauci Davison taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara; il-qarrejja Dr George Farrugia, Leanne Ellul u Marcel Zammit Marmarà. Fil-programm ħadu sehem ukoll Doreen Galea, Ludwig Galea, Dorothy Bezzina u Joseph Aquilina li kantaw xogħlijiet ta' Rużar Briffa mmużikati mill-Mro Dominic Galea. Fi tmiem il-kommemorazzjoni, Mro Dominic Galea ppreżenta s-CD tiegħu "Karba" lill-President ta' Malta.




**Waqt mil-Lejla ddedikata lil Rużar Briffa fil-Palazz ta' Sant'Anton**

### DISKORS DWAR POETA MILL-BIRGU MINN DR. KARMENU MALLIA

L-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, Dr. Karmenu Mallia għamel diskors fuq il-poeta Ġirbi, it-Tabib Louis A. Buttigieg, f'serata apposta l-Birgu ddedikata għalih fil-25 sena minn mewtu.



**It-Tabib Louis A. Buttigieg, poeta. Il-kitbiet tiegħu nġabru fil-ktieb *The Clock Tower—Poems* (2012, 2013), minn bintu, s-Sinjura Marie Louise Dimech.**

### ĦABSIN MALTIN EŻILJATI L-AWSTRALJA—BEJN STORJA VERA U STĦAJJIL

Nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2013, fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta, il-kittieba Maltija-Awstraljana rebbieħa ta' premjijiet letterarji, Lou Drofenik, xebba Zammit, tkellmet dwar "Writing *Beloved Convict*. Maltese Exiles in Australia in the 19th Century." Din it-taħdita kienet organizzata mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti. Kien hemm ukoll għall-bejgħ bi prezz speċjali l-iktar rumanz reċenti ta' Lou Drofenik, *Beloved Convict* (2012).

### TOĦROĠ CD TA' MELODIJI TRADIZZJONIALI MINN MANUEL CASHA TAL-AWSTRALJA

F'din is-cd wieħed isib għażla ta' mużika tradizzjonali Maltija għall-kitarra, mela ġabra ta' prejjem marbutin mal-għana Malti. Melodiji oħrajn huma ispirati mit-tfulija tal-poeta u kompożitur f'Malta, filwaqt li oħrajn huma ddedikati lil dawk li Casha jsejjaħ eroj Maltin tad-daqq tal-kitarra. Is-cd ġie prodott minn Stan Azzopardi tal-Premier Studio. Aktar dettalji dwar din l-inizzjattiva sabiħa 'l quddiem.

# L-AĦBARIJIET

**LAQGĦA BEJN IL-KUMITAT TAL-GĦAQDA POETI MALTIN U ŻEWĠ KITTIEBA MALTIN MILL-AWSTRALJA**

Nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, il-membri tal-Kumitat tal-Għaqda Poeti Maltin kellhom laqgħa informali ma' żewġ kittieba Maltin mill-Awstralja. Dawn huma Lou Drofenik minn Melbourne, awtriċi ta' rumanzi bħal *Birds of Passage, In Search of Carmen Caruana, Of Cloves and Bitter Almonds, Cast the Long Shadow*, u l-aktar reċenti, *Beloved Convict*; u Frank Zammit minn Sydney, awtur ta' ġabriet ta' poeżiji bħal *Bejn Żewġ Gżiriet, Qwiel minn Fomm l-Imġarrab*, u l-aktar reċenti, *Mixjieti fi Triqatek*. L-Għ.P.M. u ż-żewġ kittieba Maltin-Awstraljani tkellmu dwar kif jistgħu jitjiebu r-relazzjonijiet bejn l-Għaqda u l-kittieba Maltin fl-Awstralja, u anki dwar kif jistgħu jissaħħu r-rabtiet bejn it-tielet ġenerazzjoni tal-Maltin fl-Awstralja u persuni tal-istess età f'Malta.



**Membri tal-Kumitat tal-Għ.P.M. flimkien mal-kittieba Lou Drofenik u Frank Zammit mill-Awstralja**

**IMFAKKAR FRANS BALDACCHINO L-BUDAJ**

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju, fil-Librerija Pubblika ta' Beltissebħ, ġie mfakkar Frans Baldacchino, Il-Budaj. Waqt is-serata ħa sehem il-kantawtur Mario Debono. Din l-attività ttellgħet minn VersAgħtini f'rabta mal-*Open Weekend* tal-Libreriji Pubbliċi Maltin.

**KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÀ**

Nhar it-22 ta' Ġunju 2013 saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali f'Dar l-Ewropa li fiha nħatar kumitat ġdid biex ikompli jaħdem għas-sentejn li ġejjin. Il-membri tal-Kumitat preċedenti li se jkomplu jagħtu sehemhom għas-snin 2013-2015 huma Dr Bernard Micallef bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, Emanuel Psaila li reġa' ġie kkonfermat bħala President, u Leanne Ellul li baqgħet tokkupa l-kariga ta' Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi. Il-membri l-oħra huma kollha ġodda u għandhom dawn il-karigi: Kit Azzopardi (Viċi President), Daniel Bezzina (Segretarju), Alvin Vassallo (Teżorier), Carlston Grima (Assistent Segretarju), Clifford Jo Zahra (Assistent Teżorier) u Dorianne Bonello (Assistent Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi).

**IMNIEDI KTIEB ĠDID DWAR L-EDUKAZZJONI**

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju, ġie mniedi l-ktieb *L-Edukazzjoni hi Politika—Kitbiet Paulo Freire.* Dan seħħ fl-Auditorium tal-Università l-Qadima. Il-kelliema waqt is-serata kienu l-Professuri Peter Mayo, John Portelli u Oliver Friggieri.

**KTIEB ĠDID BIL-POEŻIJI TA' PATRI ANASTASJU CUSCHIERI**

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju, tnieda wkoll il-ktieb *P.A. Cuschieri o.c.—Kitbiet Miġbura l– Poeżiji*. Is-serata saret fil-Kunvent tal-Karmelitani, fl-Imdina, u ġiet imtellgħa mill-Provinċja Karmelitana Maltija flimkien mal-Kummissjoni Patri Anastasju Cuschieri. Il-ktieb hu edizzjoni kritika, produzzjoni ta' Charlò Camilleri u Toni Cortis.

**TIFKIRA TAL-POETA REV. MONS. AMANTE BUONTEMPO**

Il-21 ta' Ġunju 2013 ħabat id-disa' anniversarju mill-mewt tar-Rev. Mons. Amante Buontempo, fundatur u President tal-Għaqda Poeti Maltin, imwaqqfa fl-1975, u aktar tard President Onorarju tal-istess Għaqda. Kien awtur ta' bosta ġabriet ta' poeżija b'ilsna differenti u bniedem ta' kultura vasta, ta' prinċipji sodi u ħsibijiet ċari. Amante Buontempo twieled l-Isla fil-15 ta' Ottubru 1920.

# L-INTERVISTA Trevor Żahra



***Trevor Żahra twieled iż-Żejtun fl-1947. L-ewwel ktieb li ppubblika kien* Il-Pulena tad-Deheb *li ħareġ fl-1971. Minn dak iż-żmien huwa ppubblika għadd kbir ta' kotba ta' ġeneri differenti, kemm għaż-żgħar kif ukoll għall-kbar. Apparti li rebaħ il-Premju Letterarju u l-Premju tal-Ktieb bosta drabi, fl-2004 ingħata wkoll il-Medalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu b'riżq il-letteratura għat-tfal.***

**1. Trevor Żahra u l-letteratura għat-tfal. Dan jimplika mill-inqas żewġ affarijiet: l-imħabba għat-tfal u n-namra mal-kitba għat-tfal. Minn fejn joriġinaw dawn iż-żewġ imħabbiet?**

Forsi aktar minn imħabba għat-tfal, inħoss li għandi mħabba għat-tfulija. Kollox ma' kollox naħseb li kelli tfulija ferrieħa ħafna. Kont inħossni maħbub mill-familja u mill-qraba tiegħi. Illum nirrealizza kemm kont ngħix f'ambjent ikkulurit: id-dar tan-nanna u z-zija fejn kont inqatta' jiem sħaħ, l-istejjer li kienu jirrakkontawli, il-ġardina qisha l-ġnien tal-Eden u l-kamra tal-imbarazz. Imbagħad kien hemm id-dar t'ommi, il-ġnien kbir li kellna, il-librerija vasta fl-istudju ta' missieri, iz-zijiet u l-kuġini ġejjin u sejrin għandna. Dawn kollha għaġnuni, ispirawni u sabu ruħhom fil-kitba tiegħi.

**2. Matul il-karriera twila tiegħek bħala kittieb inti ktibt novelli, rumanzi, poeżiji u drammi. X'inhu s-sabiħ ta' dawn il-ġeneri ta' kitba?**

F'kull ġeneru nsib xi ħaġa li tiġbidni u proprju għalhekk jiena naqbeż minn ġeneru għal ieħor. Inħoss li meta, ngħidu aħna, min-novella ndur għall-poeżija, jew mir-rumanz indur għad-dramm, ikun qed niċċarġja l-batteriji mill-ġdid. Inħobb inġib tixbiha mal-ikel: anki l-aktar ikel favorit tiegħek, jekk tieklu kuljum ixebbgħek. U hekk inħares lejn il-ġeneri letterarji: inkun nixtieq induq it-togħmiet differenti li joffruli. Iżda minkejja dan kollu, tul dawn l-aħħar snin inammrajt bil-kbir man-novella. L-istil konċiż tagħha, l-ekonomija ta-kelma, il-pinzellati ħfief iżda sodi jkunu jeħtieġu l-karattri, inħosshom jaqblu mat-temperament tiegħi.

**3. Kemm huma importanti l-aspetti morali, didattiku u soċjali f'kitbietek? Kieku kellek tqiegħed dawn it-tliet aspetti f'ġerarkija kif tikklassifikahom fil-kitbiet tiegħek?**

L-aspett didattiku nħoss li m'għandux postu fil-letteratura. Din mhix qiegħda hemm biex tiddetta jew timponi, imma biss biex tipprovoka l-ħsieb. L-aspett morali nħoss li għandu jkun aktar issuġġerit bl-aktar mod sottili, milli mistqarr.

Issa hawnehkk irrid niddistingwi bejn kitba għat-tfal u kitba għall-adulti. Dik għat-tfal inħoss li għandu jkollha valuri morali f'posthom. Jiġifieri jiena qatt ma jgħaddili minn moħħi li nikteb xogħol għat-tfal li fih jiena nigglorifika l-moħqrija jew fejn il-ħażin jiġi ppremjat. Iżda meta nikteb għall-kbar nista' nuża dawn l-istrateġiji biex nasal fejn inkun nixtieq. L-adulti għandhom l-għodod biex janalizzaw dak li ngħid, ma jaqblux miegħi u jikkonfrontawni. Iżda t-tfal x'aktarx jieħdu bħala vanġelu dak kollu li jaqraw.

L-aspett soċjali huwa għal qalbi ħafna, iżda ma rridx aġendi premeditati. Nippreferi li dan jidħol ħelu ħelu bis-saħħa tal-plott u tal-karattri.

**4. Minn fejn jitwieldu l-karattri li niltaqgħu magħhom f'kitbietek? Liema huma l-iktar għal qalbek?**

Jiena nikteb ħafna fuq karattri li niltaqa' magħhom ta' kuljum, jew fuq oħrajn li fi tfuliti jkunu ħallew fuqi l-impronta tagħhom. B'danakollu jiena qatt ma nagħmel "copy & paste" imma nieħu elementi partikolari minn diversi karattri u nagħġinhom f'karattru ġdid. B'hekk inħoss li l-karattru jkun aktar oriġinali, interessanti ... jew bizarr.

[Min jixtieq jaqra l-intervista sħiħa jista' jara l-ħolqa http://patrickjsammut.blogspot.com/2013/06/intervista-ma-trevor-zahra.html ]

# ĦAL LIJA TA' QALBI **Maurice Mifsud Bonnici**

Meta ommi wellditni u wara ftit ftaħt għajnejja, l-ewwel post li rajt mid-dinja kollha kien lil Ħal Lija. Dik kienet id-dinja għalija, u damet teżisti hekk sa ma sirt ġuvni ta' 29 sena. Dan kien meta żżewwiġt u tlaqt ngħix ma' marti ġewwa Tas-Sliema.

Sakemm għext ġo Ħal Lija, jiġifieri meta kont norqod u nqum ġewwa numru 49 Triq Sant'Andrija, hi kienet saret parti minni, u ħajti fassaltha fuq dak li kien joffrili raħal twelidi. Sa ħames snin ma ċċaqlaqtx minn ġo fiha. Qrib l-għeluq ta' dawk is-snin, kelli *tricycle* li bih għall-ewwel darba tbegħedt daqs xeħta ta' ġebla mid-dar, kollni waħdi, dejjem fit-triq tagħna bla qatt rajt karozza għaddejja tipperikolali ħajti. Kien forsi jgħaddi xi karrettun kultant, biċ-ċlikki ċlikki, li kien jagħtini ċans inwarrab min-nofs.

Meta għalaqt il-ħames snin ġarrabt l-ewwel avventura barra r-raħal: Karmni s-seftura twajba tagħna kienet twassal lil oħti akbar minni bil-mixi u lili fil-puxċer għal għand is-Sorijiet Franġiskani ta' Ħal Balzan fejn kellhom l-iskola Stella Maris. Konna nieħdu magħna sandwiċijiet għal nofsinhar, u meta Karmni kienet tiġi għalina kmieni wara nofsinhar, kienet iġġib magħha termos bil-kafè sħun li kienet tferrgħuhulna ġo kikkri tal-aluminju qabel toħodna lura d-dar. Kemm kont inħossni mdejjaq 'il bogħod minn Ħal Lija, u kemm kont nifraħ fi triqitna lura! U kemm kienu twal dawk is-sigħat ġewwa Ħal Balzan! Hekk bdejt induq l-ewwel imrar tal-ħajja: eżiljat minn raħal twelidi.

Waqt li kont qed nikber, kemm tbaħradt ġewwa Sant'Andrija! B'biċċa kartuna ħoxna mweħħla ma' lasta, inxejjirha biex naqbad iż-żunżan li fil-ħarifa kien jgħaddi bil-gżuż mit-triq tagħna. Kważi dejjem kien ikun bla xewka. Qed nghid "kważi" għax darba qbadt wieħed u tani x-xewka, u tgħidx kemm waħwaħt għand ommi, li biex tipprova ttaffili l-uġigħ kienet tgħallili ġbara wara ġbara tal-ħalib u ddawwarhomli ma' subgħi l-kbir. U fir-rebbiegħa, b'qasba twila xi tliet iqjiem bi spaga u tapp imwaħħla mal-fergħ tagħha, inxejjirha biex nipprova nolqot il-ħuttaf li kien jgħaddi kontinwament kważi jmiss mal-art fi Triq Sant'Andrija.

U la qiegħed insemmi r-rebbiegħa ġewwa Ħal Lija, kemm kont nitgħaxxaq tard filgħaxija meta konna ninġabru bis-siġġijiet quddiem il-bieb, niġbdu f'sidirna l-fewġa lubiena taż-żahar tal-laring tfewwaħ maż-żiffa ħelwa ta' dħul is-sajf. Il-familji miġbura quddiem il-bieb tagħhom kienu jistennew lil Ġanni tal-ħalib ġej bil-mogħoż biex iġibhulu l-kazzola, u fuq il-bankina biswit l-għatba tal-bieb tagħhom jaħilbilhom fiha l-ħalib kollu ragħwa li biha Ġanni kien tant jiftaħar. U meta hekk miġbura kienet darba fill tkun ġejja karozza minn Triq Sant'Andrija, trid tara x'pandemonju kienet tqajjem – l-ommijiet jgħajtu lit-tfal tagħhom jitilgħu fuq il-bankina, u kull min kien ikun bilqiegħda arah b'ħeffa u ħafna storbju jiġbed is-siġġu ma' żaqqu u jitgezzez fuq il-bankina, waqt li l-karozza tgħaddi bil-lajma l-lajma minn quddiemhom, u kif tgħaddi kulħadd jerġa' għal li kien. Fil-ħemda dawn il-familji kienu jtennu r-Rużarju, u kif in-noti mnikkta tal-imwiet kienu jitriegħdu f'dik il-ħemda ta' dħul il-lejl, ara lil kulħadd jidħol ġewwa daru u jsakkar il-bieb warajh, u jinġabar għall-irqad.

Dawk kienu żminijiet ta' sliem u serħan; iżda jien niftakar Ħal Lija fi żmien wisq differenti: niftakar it-toroq tagħha ffullati bir-rifuġjati jsibu fejn jistkennu mill-bombi. Niftakar lill-Kappillan ħabrieki tagħna, Dun Karm Lia, lill-Protection Officer Mrs K.L. Campbell ta' Villino D'Amico, lil kuġinuwi, Josie Mifsud Bonnici, ta' quddiem id-dar tagħna, bl-isteel helmet tal-ARP ġo rasu u lil missieri, is-Sur Ġużè tas-Sanità, jippustjaw lir-rifuġjati ġewwa l-każin ta' Sant'Andrija u ġewwa l-maqdes żgħir ta' Santa Marija: it-tnejn f'tarf it-triq tagħna. Sabulhom post

# ĦAL LIJA TA' QALBI kont...

ġewwa s-Salvatur il-Qadim u ġewwa djar privati, u missieri jħokk rasu jikkonfondi kif se jipprovdilhom l-iġjene meħtieġa!

Id-dar tagħna laqgħet liz-Zijiet tagħna mill-Ingieret, fejn iz-Ziju Robbie kien jaħdem ta' Store Officer. Id-dar tagħna minn seba' persuna sfat bi ħdax dak inhar li bdew l-attakki Taljani. L-għada ġew iz-zijiet minn Tas-Sliema u minn ħdax sirna 14. Dawn kollha ġabu magħhom problemi tal-ikel u rqad. Biżżejed ngħid li biex nieklu, it-tfal kienu jieklu qabel il-kbar, u fis-sodda ta' bi tnejn konna norqdu żewġt irġiel u żewġ subien! Veru li Ħal Lija tat merħba lir-refugjati u pprovditilhom l-irdoss, iżda dan għamlitu b'sagrifiċċju kbir. Meta infetaħ l-ajrudrom Ta' Qali f'Novembru tal-1940 il-periklu żdied ġewwa r-raħal tagħna, għax Ta' Qali jinsab ftit iktar minn mil 'il bogħod minn Ħal-Lija. Għalkemm Ta' Qali rriżulta li kien l-iktar ajrudrom fl-Ewropa li qala' bombi, is-Salvatur ta' Ħal Lija żamm idu fuqha għax darba biss intlaqtet serjament. Kien nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru 1942 li waqgħu bombi li jisplodu bil-ħin, u meta splodew filgħodu fit-triq tagħna qatlu 6 min-nies, kollha minn Ħal Lija.

Hekk kif bdew jonqsu l-attakki mill-ajru bdew jonqsu r-rifuġjati minn Ħal Lija, iżda mhux għal kollox: kien hemm bosta li Ħal Lija tant għoġbithom li baqgħu jgħixu fiha anki meta spiċċat il-gwerra. Jien tul il-gwerra rajt bosta mill-attakki minn fuq il-bejt tagħna ta' 49 Triq Sant'Andrija u żammejt djarju bl-Ingliż ta' dak li rajt u ta' kif għexnieh. Dad-djarju semmejtu *A Teenager at War* u issa qiegħed niktbu biex nippubblikah. Fadalli xi tliet snin oħra naħdem fuqu biex nispiċċah.

Meta żżewwiġt fl-24 ta' Lulju tal-1955 ħallejt lil Ħal Lija bit-tifkiriet kollha li kelli tagħha u mort ngħix ma marti ġewwa Tas-Sliema. Għall-ewwel ma stajt nidra b'xejn – jien li f'Ħal Lija kelli tieqa tal-kamra tal-irqad li tagħti fuq ġonna kollha ħdura u xemx, issa ġewwa Tas-Sliema meta niftaħ il-gallarija ta' fejn norqod nara biss bini faċċata f' wisa' ta' triq. Lil Ħal Lija ma stajtx ninsiha, u ta' spiss kont immur ma' marti u ibni għand missieri u ommi jgħixu hemmhekk. Kont noħlomha fil-poeżiji li kont nikteb qabel norqod, sa wasalt li qabditni dipressjoni. Ippruvajt insib nixtri xi dar jew nibni waħda ġewwa Ħal Lija iżda għalxejn. Kelli nikkuntenta b'biċċa art ġewwa San Pawl tat-Tarġa, in-Naxxar. Art sabiħa fuq il-Victoria Lines li minnha ġġib lill-Magħtab taħtek u tara sa lill-Għawdex 'il bogħod. Bnejt dar sabiħa bi ġnien kollu arja u maġenbi xtrajt art oħra li fuqha aktar tard ibni bena daru u hu u l-familja tiegħu ġew jgħixu fejnna.

Wieħed issa jaħseb li ma kien jonqosni xejn: ma kien jonqosni xejn li kieku San Pawl Tat-Tarġa kien Ħal Lija! Veru li l-ambjent hawnhekk kattar fija l-poeżija u l-kitba letterarja: sa wasalt biex s'issa ppubblikajt 14-il ktieb. Għalhekk issa qed ngħix ġewwa Ħal Lija fil-poeżiji tiegħi ħerġin minn qalbi.

**ĦAL LIJA TIEGĦI**

Kieku qatt nista' nqiegħed
f'qiegħ il-pala ta' idi
l-univers infinit tiegħi,
u bis-swaba' magħluqa
minnu nagħsar il-meraq tad-dgawdija,
inkun nista' noħroġ ħelwa
qatra waħda kollha safa w tjubija
li jien inkun nista' ngħidilha:
int tiegħi, Ħal Lija!

**Maurice Mifsud Bonnici**

# IL-POEŻIJI

**MATURITÀ**

Aħna l-maturi tal-pass mutqal.
M'għadniex muturi,
m'għadniex manifatturi.

Ħrofna bħat-tut
u sirna tfal mill-ġdid
u l-passju sar passjoni.

Mgħadna x-xgħir u issa nixtarruh
f'għasar iż-żmien, fejn dak li kien
jiddieħek b'dak li hu.

**THERESE PACE**

**MURTALI**

Il-ħarsa t'għajnejk sparatura f'sema dgħif.
Tinfed ġismi statwa. Tqabbadlu l-fjammi fietla
t'għajnejk jibbru li jisirquni minn dinja
ta' porvli u rmied u jitfgħuni f'oħra
tat-tifqigħ tat-trikki trakki.

Il-ħarsa t'għajnejk murtal li jixgħel f'ruħi
melodija ta' ħsejjes daħqana.

Il-ħarsa t'għajnejk murtal li jixgħel f'ruħi
noti ħielsa t'armonija Eraklitana.

Il-ħarsa t'għajnejk murtal li jixgħel f'ruħi
l-għana għalik f'musketterija.

**LEANNE ELLUL**

**OH LITTLE FLAME!**

Oh Little Flame
That little flame at night
That little flame
That helped me with its light
To write whatever came to mind!
Oh little flame!

**CARMEL MALLIA**

**HEMM FORĠA**

Hemm forġa taqbad b'faħam ikħal nir
u b'ħatab abjad li ma jsirx irmied.
Hemm nar li qed ikebbes bla tinwir
il-qlub ta' nies bla qalb ifittxu l-ġlied.

Hemm l-għani mdejjaq w hemm ferħan il-fqir:
id-dinja dejjem hekk u xejn ma żdied,
minn mindu nħolqot, l-għaks u l-ġid tal-lsir,
li baqa' jsaltan biss fil-ħolm ġellied.

X'se jkun fil-forġa t'għada l-kenn dejjiem
għall-bniedem qatt kuntent tas-snin elfejn?
Forsi se jkun sid biss u ħadd ħaddiem?

Il-kbir problema ma jinħallx bil-kliem.
Bl-imħabba biss jitħallas l-aqwa dejn;
u fejn mhemmx Kristu lanqas mhemm is-sliem!

**REV. MONS. AMANTE BUONTEMPO**
**(mill-ġabra *Mix-Xquq ta' Qalbi*, 1987)**

**DEWDROPS OF LOVE**

Tell me "I love you"
with feeling and tone,
nothing else.

Your love
is anchorage
for all my life.

Love's words.
Balsam for hearts
in pain.

With your silence
and the sweetness of your eyes,
you told me everything.

**SPIROS K. KARAMOUNTZOS**
**Il-Greċja**
**(Maqlubin għall-Ingliż minn Zacharoula Gaitanaki)**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***HEKK TĦABBAT IL-QALB MALTIJA—TRILOĠIJA* ta' Oliver Friggieri, KKM, 2011.**

Dan hu l-isem ġenerali ta' triloġija, ġabra ta' tliet rumanzi li flimkien jiffurmaw rumanz sħiħ wieħed. Fuq it-tliet rumanzi ġiet imsejsa s-sensiela televiżiva *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri.* It-tliet rumanzi miġburin f'dan il-ktieb huma *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*, *La Jibbnazza Niġi Lura*, u *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port*. Kull rumanz jista' jinqara għalih waħdu, imma t-tlieta flimkien jiżvolġu storja waħda li tittratta r-ruħ tal-bniedem kullimkien u dejjem, quddiem l-esperjenzi l-kbar tal-eżistenza: Alla, it-tbatija, l-imħabba, iż-żwieġ, is-solitudni, il-mewt. Hija storja li sseħħ fil-bidu tas-seklu 20 f'raħal antik żgħir u fl-inħawi tal-Port il-Kbir. L-awtur jibni ħafna fuq it-tifkiriet ta' tfulitu stess qrib il-Port. Din hi triloġija dwar Maltin tal-imgħoddi, rakkont dwar uliedhom dejjem... Fil-bidu nsibu Studju kritiku tal-Prof. Charles Briffa.




***THE CLOCK TOWER—POEMS* ta' Louis A. Buttigieg, Ippubblikat mis-Sinjuri Dimech, Malta, 2013.**

Dan hu ktejjeb ta' 90 paġna li jiġbor fih 62 poeżija li dan it-tabib u poeta mill-Birgu kiteb bl-Ingliż imma li qatt ma ġabar fi ktieb. Il-parti l-kbira minnhom ġew ippubblikati f'"The Times of Malta", fis-"Sunday Times of Malta" u f'"The Knight". Fil-bidu wieħed isib studju bl-isem ta' "At last out of the dark!" miktub minn Dr. Karmenu Mallia li jiddeskrivi lil Louis A. Buttigieg bħala poeta romantiku. Il-poeżiji ta' Buttigieg jittrattaw erba' temi ewlenin: ir-reliġjon, il-patrijottiżmu fis-sens wiesa', il-patrijottiżmu fis-sens dejjaq, u temi ġenerali oħrajn. Dan hu ktejjeb li jagħti ġieħ lil poeta tabib ieħor mhux daqstant magħruf imma li ħaqqu jkun parti mill-istorja tal-Poeżija Maltija daqs poeti romantiċi oħra llum stabbiliti.




***BELOVED CONVICT* ta' Lou Drofenik, Maltese Historical Association (Aust) Inc, 2011.**

Dan hu l-ħames rumanz ta' din il-kittieba Maltija-Awstraljana. Naqraw dwar l-istorja vera ta' Salvatore Diacono, li fl-1817 inqabad jgħarraq il-vapur tiegħu stess fil-Morea, fin-nofsinhar tal-Greċja, biex jiġbor il-flus tal-assigurazzjoni. Eventwalment, Diacono u sieħbu Tomaso Frendo ngħataw il-piena tal-mewt minn qorti marzjali. Lil Tomaso Frendo l-awtoritajiet għallquh, iżda lil Salvatore Diacono, ftit minuti qabel ma kellu jitla' fuq il-forka, bidlulu l-piena u bagħtuh jiskonta sentenza ta' erbatax-il sena priġunerija fi New South Wales, l-Awstralja. F'dan ix-xogħol li għandu kemm mill-veru kif ukoll mill-mistħajjel naqraw dwar vjaġġ twil, fidwa, laqgħa ma' ktieb straordinarju, ossessjoni partikolari, rabtiet ta' familja u mħabba, u proċess ta' fejqan. L-istorja tar-rumanz tħaddan fiha erba' epoki storiċi, fosthom żmien l-Ordni ta' San Ġwann u żmien l-Imperu Ingliż.